minn Tonio Farrugia

## Kampjonat 1959-60

# Sliema Wanderers jagħtu l-ewwel telfa lil-leaders Hibernians

### Is-Sitt Ġurnata

**24-01-1960:**
**Marsa FC – Floriana FC 2-2**
**H.T 1-2**
**Att: 5,140**
**Skurjaw: P. Attard (M) 30 sekonda, L. Schembri (F) 34', F. Abela (M) 43' u T. Sultana (F) 62'.**
**Referee: Carmel Galea**

*Floriana FC*: Albert Borg, Lolly Debattista, Pullu Mousu', Jimmy Farrugia, Eddie Bonnett, Freddie Vella James, Lolly Schembri, Żarenu Alamango, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Twanny Sultana.

*Marsa FC*: Asciak, Ernie Glynn, Martin Attard, Neriku Buttigieg, Franz Borg, Alfred Vassallo, Sunny Attard, J. Azzopardi, Fredu 'Steak' Abela', Fredu Cauchi, Pawlu Attard

1. Marsa fetħu l-iskor b'azzjoni dritt mill-kick-off meta l-attakkant Freddie Abela ħarab mal-linja tal-lemin, qabeż żewġ avversarji, tefa' cross fin-nofs lejn Franz Borg, dan niżżel il-ballun lura lejn Pawlu Attard, li kkontrolla qabel ma fajjar xutt għar-rokna tax-xibka.
2. Floriana tilfu lil Pullu Mousu li kellu jagħmel xahar barra mil-logħba b'idejh fil-ġibs meta kiser il-polz ta' jdejh waqt din il-partita.
3. Marsa reġgħu għamlu użu mill-goalkeeper żagħżugħ Asciak wara li l-goalkeeper regolari Salvu Alamango ma niżilx għat-training u ma marx għal-logħba minkejja li kien imsejjaħ biex jilgħab.
4. Għal Floriana rritorna Eddie Bonnett iżda kien hemm nieqsa Fred Barry, li kien qed isofri minn uġiegħ fl-għarqub, u għal darb'oħra Billy Dalli. Fil-fatt Floriana kienu ħabbru li b'effett mill-20 ta' Jannar, 1960, kienu ssospendew lil Billy Dalli għal erba' ġimgħat minħabba li kien wera nuqqas ta' rispett lejn il-President u l-Kumitat ta' Floriana waqt laqgħa li kienet saret bejn il-Kumitat u l-player fil-każin, fl-4 ta' Jannar.
5. Tlitt ijiem biss wara, f'partita tal-Cassar Cup, Floriana għelbu lil Marsa FC 6-2 b'Tony Cauchi jiskorja ħamsa mill-goals bil-goal l-ieħor jasal minn penalty ta' Freddie Vella James.

**30-01-1960:**
**St. George's FC – Ħamrun Sp. FC 3-3**
**H.T 3-1**
**Att: 4,366**
**Skurjaw: N. Mizzi (S) 16', o.g J. Mizzi (Ħ) 20', F. Sultana (S) 42', N. Mizzi (S) 44' u B. Calleja (Ħ) 50' u 65'.**
**Referee: Joseph Borg.**

*Ħamrun Sp. FC*: Johnnie Chetcuti, John Fondacaro, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Armando Drago, Louis Bonello, Effie Borg, Gejtu Briffa, Bertu Calleja, Paul Mallia, Ġużi Falzon, Freddie Galea.

*St. George's FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Karmenu Frendo, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Peppi Delceppo, Joe Mizzi, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Freddie Demanuele, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Freddie Delia, Freddie Sultana.

1. Id-debuttant Freddie Galea ta' Ħamrun Spartans kien ġie akkwistat mingħand Sta. Venera Lightnings. Galea kien qed ikollu staġun mill-aqwa fil-kampjonat tar-Reserves.
2. St. George's kienu mingħajr Leli Stivala u Bertu Schreiner li kienu sospiżi u mingħajr Salvu Scicluna 'L-Iscotch' li reġa' weġġa' fost il-ġimgħa. Minflok Stivala daħal Freddie Sultana li fl-ewwel dehra tiegħu niżżel ismu fost l-iskorers.
3. L-Ispartans ikkonvinċew lil Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras biex jirritorna jilgħab wara li dan kien ħabbar li rtira mill-football biex jikkonċentra aktar fuq il-logħba tat-Table Tennis. Mal-Ispartans irritornaw ukoll Effie Borg li issa kienet għaddietlu l-injury f'irkopptu u Armando Drago li kien ilu nieqes mir-rebħa ta' 2-0 fuq Floriana, tad-19 ta' April, 1959.
4. Il-logħob ta' tmiem il-ġimgħa beda fit-3.15 p.m minflok fit 3.00 p.m.

**31-01-1960:**
**Valletta FC – Birkirkara FC 5-0**
**H.T 1-0**
**Att: 5,084**
**Skurjaw: F. Zammit (V) 24', M. Azzopardi (V) 57', F. Zammit (V) 77' u 85' u M. Azzopardi (V) 89'.**
**Referee: Flt. Lt. John Cowley.**

*Valletta FC:* Tommy Taylor, Walter Bone, Joe Attard, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Johnnie Darmanin, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci.

*Birkirkara FC*: Nenu Bugeja, Frans Cassar, Leli Mallia, Leli Pace, Leli 'Id-Diju' Borg, Norman Bell, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Leli Tonna, Leli Theuma, Louis Bugeja, Toni Caruana.

1. Birkirkara kienu mingħajr l-attakkant tagħhom Nenu Chircop li kien jinsab imweġġa' filwaqt li anke Valletta kellhom nieqes lil Dwinu Schembri minħabba li kien imweġġa'. Minflok Schembri lagħab Joe Attard li l-aħħar li lagħab fit-team Belti kien sentejn qabel, fil-5 ta' Marzu 1958, fit-telfa ta' 2-1 kontra Hibernians.

**06-02-1960:**
**Sliema Wdrs. FC – Hibernians FC 2-1**
**H.T 1-1**
**Att: 6,726**
**Skurjaw: Ġ. Muscat (S) pen. 7', o.g S. Bonnici (H) 25' u R. Buttigieg (S) 55'.**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi**

**Sliema Wdrs. FC**: Ray Cosby, Johnnie Gatt, Alex Gollcher, Rudyard Mifsud, Salvu Bonnici, Ray Edwards, Maurice Walsh, Robbie Buttigieg, Alfred Pisani, Sammy Nicholl, Ġulinu Muscat.

**Hibernians FC**: Lolly Rizzo, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Louis Theobald, Joe 'Puskas' Muscat, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Sunny Anastasi, Henry Vella, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Jimmy Mizzi, Leli Sultana, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Hibernians sofrew l-ewwel telfa fil-kampjonat.
2. Leli Attard ta' Hibernians ġie sospiż għal tliet xhur mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA wara li pprova jxejjer daqqa fid-direzzjoni tar-referee Joe Cassar Naudi. Attard qatt ma rritorna fil-logħba f'dan l-istaġun minħabba li ftit ġimgħat wara huwa emigra lejn il-Kanada għalkemm kien lura fostna mill-istaġun ta' wara.
3. Il-goalkeeper Alfred Pisani ġie utilizzat fil-pożizzjoni ta' centre forward mill-Wanderers f'din il-partita. Biż-żewġ goalkeepers ta' fama Ray Cosby u Victor Scerri fl-iskwadra ta' Sliema deher li kien impossibbli għal Pisani li jieħu postu bejn il-lasti anke jekk fil-passat hu kien wera xi jsarraf meta għamel l-istaġun kollu tal-1956-57 ma jsofrix goals meta kien fit team ta' Għargħur Excelsior li rebħu l-promozzjoni għat-Tieni Diviżjoni. Pisani kien ukoll il-goalkeeper tat-team Olimpiku Malti.
4. Sliema Wanderers kienu mingħajr Ġużi Bonnici li beda jiskonta sospensjoni ta' żewġ logħbiet. Minfloku daħal l-ex difensur ta' Birkirkara Johnnie Gatt.

*Klassifika*: Hibernians FC u Valletta FC 8 pti.; St. George's

FC, Floriana FC u Sliema Wdrs. FC 7 pti.; Marsa FC 5 pti.; Birkirkara FC u Ħamrun Sp. FC 3 pti.

*L-Aqwa Skorers:* F. Abela (Marsa FC) 6 goals; N. Mizzi (St. George's FC) u F. Zammit (Valletta FC) 4 goals; F. Bonnici u N. Chircop (Birkirkara FC); L. Borg (Floriana FC); Ġ. Muscat (Sliema Wdrs. FC); J. Zammit, J. Urpani u M. Azzopardi (Valletta FC) 3 goals.

## Is-Seba' Ġurnata

**07-02-1960:**
**Floriana FC – St. George's FC 0-0**
**Att: 6,749**
**Referee: Carmel Galea**

Floriana FC: Albert Borg, Lolly Debattista, Fred Barry, Jimmy Farrugia, Eddie Bonnett, Freddie Vella James, Lolly Schembri, Żarenu Alamango, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Twanny Sultana.

St. George's FC: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Karmenu Frendo, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Peppi Delceppo, Ġużi Mizzi, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Freddie Demanuele, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Freddie Delia, Leli Stivala.

1. Leli Stivala ta' St. George's kien qed jirritorna minn sospensjoni ta' żewġ logħbiet.
2. Disa' minuti mit-tmiem Tony Cauchi skorja għal Floriana iżda l-goal tħassar wara li l-linesman Salvu Pirotta xejjer għal offside ineżistenti. Fil-fatt Cauchi kien daħal jiġri għall-ballun minn wara Ġużi Mizzi li ma kienx ħa l-ballun birras minn lob ta' Twanny Sultana. L-inġustizzja ġiet kważi doppja meta hekk kif Floriana daru jipprotestaw mar-referee, St. George's ħarbu b'kontrattakk veloċi li minnu Eddie Mizzi laqat il-lasta.
3. Fis-7 ta' Marzu, 1960, saret mozzjoni fil-Kunsill tal-MFA sabiex ċerti referees ma jitħallewx iktar jikkontrollaw logħob minħabba l-ineffiċjenza tagħhom, fejn bħala eżempju fil-mozzjoni ssemma' dan il-goal imħassar ta' Tony Cauchi għal offside li qatt ma kien. Minkejja li kien hemm qbil fuq il-mozzjoni mill-Kunsillieri, peró ma ttieħdet l-ebda azzjoni minħabba l-problema ta' nuqqas ta' referees.

**13-02-1960:**
**Ħamrun Sp. FC – Marsa FC 1-1**
**H.T 0-1**
**Att: 4,064**
**Skurjaw: o.g F. Falzon (M) 25' u G. Briffa (Ħ) 52'.**
**Referee: Flt. Lt. John Bent (R.A.F).**

*Ħamrun Sp. FC*: Johnnie Chetcuti, Freddie Falzon, John Fondacaro, Armando Drago, Louis Bonello, Effie Borg, Gejtu Briffa, Albert Calleja, Carmelo 'In-Nene' Grech, Freddie 'It-Tirjule' Borg, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

*Marsa FC:* Asciak, Martin Attard, Charles Cassar, Ernie Glynn, Franz Borg, Neriku Buttigieg, Sunny Attard, Alfred Vassallo, Freddie 'Steak' Abela, Freddie 'Is-Sir' Cauchi, Pawlu Attard.

1. Freddie Falzon ikkommetta auto-goal fl-aħħar partita tiegħu qabel ma emigra lejn l-Awstralja. Hemmhekk huwa kien lagħab mat-team ta' George Cross ta' Sydney. Niftakru li fid-debutt tiegħu fl-ogħla diviżjoni, fit-30 ta' Jannar 1955, Freddie Falzon ukoll kien beda b'autogoal meta dak in-nhar bil-flokk ta' St. George's kien skorja fix-xibka tiegħu stess firrebħa ta' 1-0 ta' Ħamrun Spartans.
2. Wara l-partita, waqt li xi players ta' Ħamrun kienu qed jixorbu fil-każin, Freddie Falzon instema' jgħid li qabel jinqala' Effie Borg, itteam tal-Ispartans mhux ser jieħu ruħ. Dan id-diskors instema' minn membru tal-kumitat tal-Ispartans li qal lil Freddie Falzon sabiex jirrepeti dak li kien qal quddiem il-Kumitat waqt il-laqgħa li kellha ssir.
3. Ġimgħa wara din il-partita, fl-20 ta' Frar 1960, Effie Borg kien akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati li f'okkażjonijiet differenti pprova jixtri lil sħabu tatteam Freddie Falzon, Johnnie Fondacaro u Twanny Cassar.

Dr. Guido Demarco, li f'dak iż-żmien kien il-President talclub ta' Ħamrun Spartans, kien irraporta l-każ lill-Ispetturi tal-Pulizija H. Drury u J.M Farrugia. Freddie Falzon tela' jixhed u rrakkonta l-każ kollu ġurnata qabel ma emigra lejn l-Awstralja. Kemm Falzon kif ukoll 'Il-Ginger' Cassar irrakkontaw fuq każijiet li marru lura għall-partita Ħamrun Spartans – Rabat FC ta' Novembru 1958 u għal darb'oħra Ħamrun Spartans – Rabat FC ta' Frar 1959 fejn fiz-żewġ okkażjonijiet allegaw li Effie Borg ipprova jħajjarhom ibiegħu l-logħba.

Waqt li kien qed jixhed quddiem il-Qorti, Cassar spjega fid-dettall kif Effie Borg, li ma kienx ser jilgħab kontra Rabat għax kien imweġġa', kien avviċinah u qallu, "Hawn sitta mixtrija, trid tidħol magħhom?" Cassar wieġbu li dawk l-affarijiet ma jagħmilhomx. Barra minn hekk, Cassar żied jgħidlu li l-Kumitat kien wegħdhom £8 u safra għal Benghazi. Ħamrun kienu rebħu 3-1 u Cassar kien skorja darbtejn. Xehed ukoll uffiċjal tal-club Ħamruniż, Joseph Scerri, li qal li qabel il-partita kontra Marsa huwa ra lil Effie Borg jinfaxxa jdejh. Peress li ssuspetta li dak seta' kien is-sinjal huwa ordna lil Effie Borg biex ineħħi l-faxxa, iżda l-player irrifjuta minħabba li qal li kellu subgħajh imfekkek.

**14-02-1960:**
**Birkirkara FC – Sliema Wdrs. FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Att: 4,726**
**Skorja: F. Bonnici (B) 69'.**
**Referee: Joseph F.X Galea**

*Birkirkara FC*: Nenu Bugeja, Tony 'Euchar' Grech, Leli Mallia, Louis Bugeja, Leli 'Id-Diju' Borg, Norman Bell, Toni Caruana, Leli Theuma, Nenu Chircop, Leli Tonna, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

*Sliema Wdrs. FC*: Ray Cosby, John Gatt, Alex Gollcher, Rudyard Mifsud, Salvu Bonnici, Ray Edwards, Ġulinu Muscat, Robbie Buttigieg, Alfred Pisani, Sammy Nicholl, Wally Hili.

1. Riżultat sorpriża, l-aktar meta wieħed jiftakar li Birkirkara kienu ġejjin minn telfa ta' 5-0 kontra Valletta filwaqt li Sliema Wanderers kienu għadhom kemm taw l-ewwel telfa tal-kampjonat lill-leaders Hibernians.
2. Barra minn hekk, Birkirkara lagħbu għal ħafna ħin b'għaxar players wara li weġġa' Norman Bell fil-25 minuta l-ewwel taqsima u għalkemm daħal lura huwa kien il-ħin kollu jzappap.
3. Skond il-ġurnali *Times* u *Berqa* u l-*Football Yearbook* ir-referee tal-partita kien J. Galea (Joseph Galea). Skond *Leħen is-Sewwa* u *Il-Ħelsien* ir-referee tal-partita kien C. Galea (Carmel Galea).

**05-03-1960:**
**Valletta FC – Hibernians FC 2-1**
**H.T 1-1**
**Att: 4,636**
**Skurjaw: J. Ebejer (H) 7', J. Urpani (V) 19' u J. Zammit (V) 87'.**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi.**

*Valletta FC:* Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Johnnie Darmanin, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Hibernians FC*: Lolly Rizzo, John 'Il-Ġemel' Privitera, Joe Bugeja, Joe 'Puskas' Muscat, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Fredu Church, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Jimmy Mizzi, Leli Sultana, Joe Ebejer.

1. Hibernians kienu qed jilagħbu mingħajr Ċikku Xuereb u Leli Attard li t-tnejn kienu sospiżi. Attard kien ġie sospiż għal tliet xhur wara li ħebb għar-referee Cassar Naudi fl-aħħar ħarġa kontra Sliema Wanderers.
2. Ġimagħtejn qabel, fil-21 ta' Frar 1960, Valletta kienu għelbu lill-istess Hibernians 2-0 fis-semifinali tal-Cassar Cup.

*Klassifika*: Valletta FC 10 pti.; St. George's FC, Hibernians FC u Floriana FC 8 pti.; Sliema Wdrs. FC 7 pti.; Marsa FC 6 pti.; Birkirkara FC 5 pti.; Ħamrun Sp. FC 4 pti.

*L-Aqwa Skorers*: F. Abela (Marsa FC) 6 goals; F. Bonnici (Birkirkara FC); N. Mizzi (St. George's FC); J. Zammit, F. Zammit u J. Urpani (Valletta FC) 4 goals.